# IL-QNIEPEN TA' SAN ĠORĠ - ĦAL QORMI



Wieħed mill-kampnari tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fejn jinsabu l-qniepen imsemmija.

**Qagħda Ġeografika tar-raħal**

Il-belt Pinto, Ħal Qormi qed insejjħila RAĦAL għaliex? Għaliex bil-kelma 'RAĦAL' fl-imgħoddi kienu jifhmu 'POST TA' WAQFA', u min imur minn post għall-ieħor kienu jgħidu li 'JRAĦĦAL', għalkemm illum bil-kelma 'RAĦĦAL', nifhmu dak li joħroġ xi merħla nagħaġ u mogħoż sabiex jiragħhom, jiġifieri jeħodhom minn post għall-ieħor.

Ħal Qormi minħabba l-qagħda ġeografika tiegħu bejn Sant'Jiermu u l-Imdina, bejn S. Anġlu, l-Birgu, l-Marsa u l-Imdina sa mill-ibgħad żmenijiet kellu importanza kbira. Billi kien l-ewwel **Ħal**, li wieħed jilħaq meta jraħħal, mill-inħawi ta' fejn hija l-Belt Valletta llum u l-Port il-Kbir, għall-belt l-antika ta' l-Malta, dak li jkun ried jgħaddi minn Ħal Qormi, għax 'S. Giuseppe' il-Ħamrun kien għadu ma jeżistix. Hekk ukoll jekk wieħed kien jitla' minn S. Anġlu, il-Birgu, it-Triq Marsa, Qormi, Żebbuġ, Siġġiewi kienet l-arterja prinċipali. Fl-imgħoddi bħal-lum, Ħal Qormi kien mimli ħajja kemm ċivili, militari kif ukoll reliġjuża.

**S. Ġorġ Patrun ta' Malta u tal-Kavallerija**

Ħal Qormi kien il-'Maħżen il-Kbir', kien l-istazzjon fejn kienu jgħixu l-burdnara tax-Xatt, fejn kienu jgħixu l-għassiesa ta' Sant'Jiermu, kien il-'Forn' (per eċċellenza) għax-xwieni. Ħal Qormi nibet u kiber fit-triq ewlenija u l-iqsar triq bejn Sant'Anġlu, il-Birgu u l-Imdina, li matulha kienu jterrqu tad-Dejma u tal-Kavallerija. Mhux ta' b'xejn li sal-lum il-Qriema jħobbu ż-żwiemel, mhux ta' b'xejn li l-Qriema huma magħrufa għall-ħobż.

Għalhekk ma huwiex għalxejn, u mhux b'kumbinazzjoni li l-Knisja Ewlenija ta' Ħal Qormi, sa mill-ibgħad żmenijiet, forsi sa minn ftit żmien wara Kostantinu l-Kbir, kienet u għadha taħt il-ħarsien tal-Patrun tal-Kavallerija, San Ġorġ, wieħed mill-patruni ta' dawn il-gżejjer, li kif rajna fil-kitba tagħna tas-sena l-oħra nbnewlu tant knejjes, fuq l-għoljiet, Wardijiet, fix-xtut u fil-witat.

**Qniepen tan-Nafra**

Nistgħu ngħidu li fl-imgħoddi, u qed ngħidu għal qabel il-Miġja tal-Kavallieri, il-qanpiena jew qniepen li seta' kellha din il-knisja minn żmien għal żmien, kienu l-qniepen, li jsejjħu in-nies biex iqumu, għat-talb u għax-xogħol, kienu l-qniepen li jħabbru għall-fatra f'nofsinhar u biex jinġabru fl-għaxija ma' l-'Ave Maria'.

Kienu l-qniepen li jdoqqu n-nafra f'każ ta' ħbit mill-għadu, sabiex in-nies tiegħu kenn fl-Imdina, u l-irġiel jaqbdu l-armi u l-bhejjem tagħhom, min għal Birgu u Sant'Anġlu, min għal Sant'Jiermu u min għall-Imdina. Kienu l-istess qniepen li kienu jsejjħu wkoll

għall-għanijiet ċivili, fin-nuqqas ta' arloġġi. Kienu jdoqqu l-Paternoster, tat-Tmienja, Nofsinhar, l-Ave Maria, ta' l-Imwiet u 'siegħa Lejl' biex in-nies tinġabar f'darha.

**X'ġara mill-qniepen il-qodma?**

Ma nafux x'ġara mill-qniepen li seta' kellha l-knisja ta' San Ġorġ fis-seklu XV u XVI, aħseb u ara x'ġara minn xi qniepen li seta' kellha qabel. Imma miż–żjara Pastorali ta' l-1634, nafu li l-knisja kellha kampnar wieħed u fih kien hemm żewġt iqniepen, waħda ta' ħames qnatar u l-oħra ta' qantar. Fl-1679 il-knisja kellha żewġ kampnari, f'dak tax-xellug kien hemm tliet qniepen, l-akbar waħda ta' 8 qnatar, il-fustanija ħamsa u ż-żgħira ta' qantarejn. Fil-kampnar l-ieħor fl-1679 kien diġà hemm l-arloġġ biż-żewġt iqniepen tiegħu, b'kollox ħamsa. Ma għandna l-ebda tagħrif dawn dawn il-ħames qniepen, għajr li dik imsemmija fl-1734, iż–żgħira u li kien fiha qantar, kienet waħda minn ta' l-arloġġ.

Fit-2 ta' Settembru 1752 waslet f'Ħal Qormi 'La Campana die Mortuori', li kienet tiżen ħames qwintali, minflok dik ta' ħames qnatar ukoll li kienet inkisret f'Novembru 1751 (Reg. Magħmudijiet għas-sena 1751). Fi Frar 1682 il-Kappillan D. Gejt Palma, kien għamel supplika sabiex jibda jindaqq 'IL-ĦABAR' (id-daqq tal-Mewt).

**Qniepen tas-Seklu XIX**

Illum fil-Knisja ta' San Ġorġ insibu sitt qniepen. F'ta' l-Arloġġ tal-ħin hemm żewġ qniepen, dik li ddoqq il-kwarti li saret mill-Għawdxi Salvu Cauchi li kien joqgħod Bormla, u saret fl-1850 filwaqt dik tas-sigħat saret min ibnu Ġulju fl-1872. Iż-żewġ qniepen saru qabel ma sar l-Arloġġ fl-1878 minn Kielanġ Sapian ta' l-Imqabba li kien joqgħod Ħal Luqa. L-arloġġ kien sewa £45 tad-Deheb. L-arloġġ l-ieħor jimmarka x-xhur u l-jiem tax-xahar. Mal-ġenb tal-kampnar dak il-ġenb li jħares lejn l-iskola f'Ħal Qormi hemm ukoll arloġġ tax-xemx.



Fil-kampnar l-ieħor hemm erba' qniepen, waħda magħrufa bħala l-Antika, u kienet saret fl-1736 fi żmien l-isqof Alpheran De Bussan u li fuqha hemm l-arma tiegħu. Dik il-ħabta kienu qed jagħmlu ħafna qniepen fil-funderija ta' l-Ordni (fejn huwa llum il-Ministeru tas-Social Servicess), l-aħwa Aloisio u Mosè Buscet. Il-qanpiena ta' wara hija magħrufa bħala 'ta' l-Agonija' u kienet saret f'Firenze fl-1845. Hija dik li tħares lejn l-iskola. Għalkemm saret barra minn Malta u għalkemm saret fl-1845, l-iskrizzjoni ta' fuqha hija bil-Malti. Tinqara hekk: "Nhar Ġorġ imqaddes ħabbar bil-ferħ ta' Ħal Qormi kollu, wassal lil Malta kollha, iftaħ leħnek INĦASS imbierek'. Hekk fuqha wkoll in riliev is-sena li fiha saret u l-isem tal-prokuratur li fi żmienu saret D. Lwiġi Casha.

Qanpiena oħra jgħidula 'Il-mewt', kienet saret fl-1862 minn Naduri Salvu Cauchi. Hija dik li tħares lejn il-koppla u lejn 'il-Bonċ'. Fiha ix-xbieha ta' San Ġorġ, isem il-brunzar u d-data 2 ta' Mejju 1862. Jgħidulha 'il-mewt', għaliex biha titħabbar il-mewt. Mill-għadd ta' tokki, wieħed jista' jagħraf li min ħalliena kienx raġel jew mara inkella saċerdot.

Il-qanpiena l-kbira li tiżen 28 qantar kienet swiet £400 tad-deheb. Kienet saret fl-1878 minn Ġulju Cauchi, iben Salvu fil-fonderija ta' Għajn Dwieli, fuq ir-riħ tat-tarzna. Damu sentejn jiġbru għaliha. Dwar din il-qanpiena jingħad li kienet saret għall-Knisja ta' S. Publju l-Furjana, imma meta tlestiet ma qablitx mat-ton tal-qniepen l-oħra u għalhekk il-Furjaniżi ma riduhiex, u xtrawha ta' Ħal Qormi.

**Teftif Folkloristiku**

Tismagħhom jgħidulek "Ta' Ħal Qormi sa nofs inhar irġiel", għidut li nibet minn xi ħaġa. Hemm min jgħid li għax iħobbu xi ftit dik il-qatra tal-għenba. Hemm min jgħid li l-għidut huwa marbut ma' l-arloġġ tax-xemx, li minħabba d-dell ma jibqax jimmarka tajjeb wara li jdoqq nofs inhar. Min jaf għaliex?

Għidut ieħor huwa dwar is-Salib tal-Kleru. Dan is-salib taħt il-boċċa kellu għadd ta' qniepen żgħar bħal ta' Tintinnablu, u għalhekk meta kienu jimmarċjaw bih, biċ-ċaqlieq il-qniepen kienu jdoqqu. Meta dan is-salib kien jinħareġ għall-purċissjoni ta' San Girgor, u nies kienu jisimgħu dawn il-qniepen żgħar kienu jgħidu: "Ara ġejja l-merħla", speċjalment dawk tal-Gudja u li magħhom il-Qriema kienu ta' spiss jitlewwmu dwar il-preċedenza f'din il-purċissjoni, tant li f'din il-purċissjoni sena iva u sena le kienu jieħdu l-preċedenza sena kull wieħed. L-istess kien jiġri bejn l-Imqabba u Ħal Safi, bejn Ħal Tarxien u Ħal Kirkop, iż–Żurrieq u s-Siggiewi, in-Naxxar u Birkirkara.

Għidut ieħor dwar il-qniepen ta' Ħal Qormi hu dak li jgħidu li meta ġew il-Franċiżi fl-1798 il-qniepen inħbew flimkien ma' xi teżori oħra tal-Knisja, imma billi dawk li ħbewhom mietu matul l-imblokk, sal-lum il-qniepen u t-teżori għad ma nstabux. Tradizzjonijiet simili niltaqgħu magħhom fiż-Żebbuġ t'Għawdex, f'Bir Miftuħ f'Malta, imma dan il-ħabi ta' l-aħħar żewġt irħula kien minħabba t-Torok.

Però "il-Qanpiena ma ddoqqx għalxejn", xi ħaġa ġara għaliex mill-ħames qniepen esiżistenti qabel ma ġew il-Franċiżi, baqa' biss waħda dik li jgħidula l-Antika. X'ġara mill-erba' l-oħra? Tgħid iddewwbu għall-broħż fl-1845 u fl-1850 u fl-1872, jew inħbew tassew? Imma terġa' u tgħid, matul dawk is-sentejn, dawk kollha li għenu biex inħbew il-qniepen mietu kollha? Fis-Sunday Times of Malta tat-30 ta' Marzu 1958 kien deher artiklu dwar is-suġġett.

**Knejjes ta' Ħal Qormi**

F'Ħal Qormi mit-22 Knisja tal-1575, illum baqa' biss 9. Insibu dik ta' San Bastjan, il-qadima, illum knisja Parrokkjali li għandha tliet qniepen. Hemm il-Knisja ta' San Franġisk li għandha żewġt qniepen, dik ta' S. Katerina b'qanpiena waħda. Fil-knisja ta' San Pietru hemm waħda li saret fl-1836. Fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Qrejqċa insibu żewġt iqniepen u dik tal-Vitorja għandha tliet qniepen. Imbagħad hemm il-knejjes tal-Lunzjata, Santa Marija tal-Blat u Santa Marija tal-Ħlas, li lkoll għandhom jew kellhom xi qanpiena. Tkun ħaġa xierqa, li xi ħadd minn Ħal Qormi jieħu impenn u jagħmel studju ieħor dwar il-qniepen ta' San Bastjan, u l-qniepen tal-knejjes l-oħra li semmejna, u jara li x-xogħol tiegħu jiġi stampat f'xi Programm ta' xi festa Qormija.

John Bezzina


MADAME MARIE BEAUTY SALON

For: Facials, Waxing, Slimming Treatment, Body Message.

Special Treatments for:- Anti-Wrinkles, Cellulite, Stretch Marks, Pigmentation, Acne, Breast and Body Firming, Electrolysis.

363, Main Street, Qormi

Tel. 495103

Godwin's

CAR HIRE



DIRECTOR GODWIN MIFSUD

TEL.332256-340861

317806-341322



I ALSO DO BUSINESS IN PROPERTIES